**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2001

**Numru 3**

**Avviz. numru 191/01JR**

**Maurice Cefai**

**vs**

**Lorenzo Pisani**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Marzu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00), ghall-xoghol li l-attur ghamel akkont tal-konvenut fil-fond 297 Triq Manwel Dimech, Sliema, u li l-partijiet kienu qablu li l-prezz ta' mija u hamsin lira Maltija jithallas bil-quddiem ghall-xoghol u materjal; bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2001.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-20 'April, 2001, fejn intqal illi l-konvenut jopponi ghat-talba attrici stante li:**

**i. ix-xoghol in kwistjoni ma sarx skond l-arti u s-sengha;**

**ii. minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsijasi kaz, l-ammont pretiz huwa esagerat;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm il darba jkun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Maurice Cefai, Emanuel Spiteri u Lorenzo Pisani. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kaz odjern jirrigwarda talba ghall-hlas ta' xoghol ta' tikhil u tibjid ta' hajt divizorju fil-fond 297 Triq Manwel Dimech, Sliema. Dan ix-xoghol kien sar minn Emanuel Spiteri li kien gie imqabbad mill-attur bil-kunsens tal-konvenut.**
2. **Jirrizulta li l-partijiet kienu ftehmu li l-attur kellu jissorvelja x-xoghol, u dana peress li l-konvenut ma kienx ikun hemm. Fil-fatt jirrizulta li l-attur kien ikun prezenti waqt li saru ix-xogholijiet.**
3. **Jirrizulta li l-attur kien kiteb ricevuta Dok.MC, u kiteb li Spiteri kien qed jircevi mija u hamsin lira minghand il-konvenut ghax-xoghol li sar u ghall-materjal uzat. Spiteri ffirma din ir-ricevuta. It-Tribunal**

**jirrileva li per se din ir-ricevuta ma tista' b'ebda mod torbot lill-konvenut.**

4. **Jirrizulta li l-fond li fih sar ix-xoghol kien fond abbandunat. Ix-xoghol kien jinvolvi tibjid u tikhil ta' hajt twil circa ghoxrin pied u gholi ghaxar filati circa. Biex sar dan ix-xoghol dam xi erba' nofs ta'nhari jahdem fuqu. Sar ukoll xoghol fuq katusa ta' l-ilma.**
5. **Jirrizulta li wara li tlesta x-xoghol iz-zebgha bdiet titfarfar. Jirrizulta li dan huwa indikativ ta' l-umdita` li kien hemm fil-gebla, kif ukoll li l-gebla kienet mielha. Ir-ritratti juru li x-xoghol ma sarx b'mod adegwat ghall-kundizzjoni li fiha kienet il-gebla. Ghalhekk fic-cirkostanzi il-konvenut ma jistghax jigi tenut responsabbli li jhallas l-ammont mitlub, salv u impregudikat kull dritt ta' l-attur fil-konfront ta' terzi.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax, in kwantu ix-xoghol ma sarx sew, it-Tribunal qed jichad it-talba attrici, salv u impregudikat kull dritt kontra terzi.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**